MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 676/2010

**Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija estera Adimpex S.r.l. ta` Via Adriatica 17/c 60022 Castelfidardo (AN), Italja, u numru ta` registrazzjoni ufficjali 00207600420**

***kontra***

**Fitness Manufacturing Limited (C40816)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fis-6 ta` Lulju 2010 li jaqra hekk –

*Illi dan ir-rikors qed isir a tenur ta’ l-Artikoli 214(2)(a)(ii) u 218(1) ta` l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta);*

*Illi l-kumpannija estera rikorrenti hija kreditrici fil-konfront tal-kumpannija Maltija ntimata fl-ammont ta` tmienja u erbghin elf hames mija seba` u tletin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€48,537.43) oltre l-imghax legali u spejjez gudizzjarji ammontanti ghal elf tlett mija wiehed u hamsin Ewro u sittin centezmu (€1351.60) u dan kif kanonizzata permezz ta` sentenza tat-Tribunal Civili ta` Ancona (Tribunale Civile di Ancona) datata 24 ta` Ottubru 2008 )kopja annessa u mmarkata Dok.A);*

*Illi s-sentenza msemmija giet certifikata bhala res judicata b’Ordni Ewropew ta` Infurzar u sussegwentement giet reza ezegwibbli gewwa Malta minghajr revizjoni a tenur tar-Regolament Numru 805/2004 EC dwar Ordni Ewropew ta` Infurzar ghal Talbiet Mhux Kontestati u dan permezz ta` digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti datat 7 ta` Awissu 2009 (kopja annessa u mmarkata Dok.B);*

*Illi minkejja diversi tentattivi min-naha tar-rikorrent nomine sabiex jezegwixxi t-titolu ezekuttiv tal-kumpannija estera rikorrenti fil-konfront tal-kumpannija ntimata sal-gurnata ta’ llum il-hlas dovut ghadu ma sarx u mill-mandati esekuttivi illi hareg ir-rikorrent nomine rrizulta illi l-kumpannija ntimata ma ghandhiex flus kontanti f`ebda mill-banek lokali. Ir-rikorrent nomine ghamel ukoll ricerki fir-Registru Pubbliku izda rrizulta illi l-kumpannija ntimata ma ghandhiex propjeta` mmobbli;*

*Illi a tenur ta` l-Atikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap.386 kumpannija tista` xxolji u tigi stralcjata mill-Qorti f`cirkostanzi fejn l-istess kumpannija ma jkollhiex minn fejn thallas id-djun taghha;*

*Illi skond l-Artikolu 214(5) tal-Kap.386, kumpannija titqies li ma tkunx tista` thallas id-djun taghha jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa` ma thallasx ghal kollox jew f`parti wara erbgha u ghoxrin (24) gimgha mill-ezekuzzjoni ta` titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b`xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-Artikolu 273 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

*Illi sad-data ta' llum ghaddew iktar minn erba' u ghoxrin (24) gimgha mill-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv tal-kumpannija rikorrenti bil-hrug tal-mandati fuq imsemmija (kopja tal-Mandat ta` Sekwestru Numru 1880/2009 akkordat fit-18 ta` Jannar 2010 hawn anness u mmarkata Dok.C);*

*Illi jidher ghalhekk illi skond il-ligi l-kumpannija ntimata ma ghandhiex minn fejn thallas id-djun taghha u ghalhekk jezistu l-elementi rikjesti mil-ligi ghall-istralc ta` l-istess kumpannija minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*Ghaldaqstant, in vista ta` dak kollu fuq premess, u ta` provi u sottomissjonijiet ulterjuri li jngiebu waqt is-smigh tar-rikors, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:*

*1. Tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija Fitness Manufacturing Limited li ghandu jsir minn dina l-Onorabbli Qorti, skond is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Art.214 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*2. Tahtar stralcjarju ghall-kumpannija Fitness Manufacturing Limited; u*

*3. Taghti, ai termini tal-Art.219 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta, dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni waqt l-andament tal-proceduri.*

*Salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.*

*Bl-ispejjez kontra l-kumpannija ntimata u bl-ingunzjoni taghha u tar-rapprezentanti taghha ghas-subizzjoni.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mir-rikorrent noe flimkien mar-rikors promotur.

Rat li, ghalkemm il-kumpannija ntimata kienet debitament notifikata bl-att promotorju skond il-ligi, hija ma pprezentatx risposta.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent noe fl-udjenza tas-16 ta’ Novembru 2010, ghal liema udjenza l-kumpannija ntimata, ghalkemm issejhet, ma dehritx.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-16 ta` Novembru 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Din hija kawza fejn qed issir talba lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenti tal-kumpannija intimata skond l-**Art.214 tal-Kap.386** tal-

Ligijiet ta’ Malta. It-talba qed issir mir-rikorrent bhala mandatarju tas-socjeta` kreditrici estera tal-kumpannija ntimata.

Fil-paragrafu **(a)** tas-subartiklu **(2)** tal-**Art.214**, il-ligi tghid liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti **tista’** xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha.

Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent noe qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq is-subinciz **(ii)** tal-paragrafu (a). Dak is-subinciz ighid li kumpannija tista’ tigi xjolta u stralcjata mill-Qorti “ ... *jekk il-kumpannija ma tkunx tista’ thallas id-djun taghha*.”

**Art.214(5)** jistabilixxi meta kumpannija titqies li ma tkunx tista’ thallas id-djun taghha ghall-finijiet tal-**Art.214(2)(a)(ii)**. Is-subartikolu **(5)** ghandu zewg subparagrafi. Is-subparagrafu **(a)** huwa dak rilevanti ghall-mertu ta’ din il-kawza u jaqra hekk –

*jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa’ ma thallasx ghal kollox jew f’parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta’ titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b’xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artiklu 273 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

Mill-atti li jaghmlu parti mill-process jirrizulta hekk –

1) Is-socjeta` estera mandanti tar-rikorrent kienet kanonizzata kreditrici tal-kumpannija ntimata fl-ammont ta` €48,537.43 oltre l-imghax legali u l-ispejjez gudizzjarji fis-somma ta` €1351.60 permezz ta` sentenza tal-24 ta` Ottubru 2008 moghtija mit-*Tribunale Civile di Ancona* fl-Italja.

2) Is-sentenza ghaddiet in gudikat u giet hekk certifikata b'Ordni Ewropew ta` Infurzar. In segwitu kienet reza ezegwibbli f`Malta minghajr revizjoni skond ir-Regolament Numru 805/2004 EC dwar Ordni Ewropew ta` Infurzar ghal Talbiet Mhux Kontestati wara digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-7 ta` Awissu 2009.

3) Fit-13 ta' Jannar 2010, ir-rikorrent noe pprezenta mandat ta' sekwestru ezekuttiv Nru.1880/09 kontra l-kumpannija intimata (fol 19 et seq). Jirrizulta minn fol 22 li l-mandat kien notifikat lis-sekwestratarji fid-19 ta` Jannar 2010, ghalkemm ma jirrizultax li kien notifikat lill-kumpannija ntimata. Din il-Qorti tghid li ghall-fini tal-applikazzjoni ta' l-Art.214(5)(a), il-fattur rilevanti huwa *l-**ezekuzzjoni** ta' titolu ezekuttiv* mhux in-*notifika* tieghu. Ghalhekk l-*erbgha u ghoxrin gimgha* bdew jiskattaw fid-19 ta' Jannar 2010 u cioe` d-data tal-ezekuzzjoni tal-mandat ta` sekwestru f`idejn is-sekwestratarji anke jekk il-kumpannija ntimata baqghet mhux notifikata bil-mandat.

4) Ir-rikorrent noe kkonferma bil-gurament li l-kumpannija ntimata baqghet ma hallset xejn mill-ammont dovut.

5) Min-naha taghha l-kumpannija intimata la dehret permezz ta` rapprezentant taghha f`dawn il-proceduri u lanqas ressqet provi sabiex tfisser il-posizzjoni taghha, in partikolari sabiex tikkonvinci lil din il-Qorti li ma kenitx fi stat ta` insolvenza. Ghalhekk il-pretensjonijiet tar-rikorrent noe f`din il-kawza mhumiex kontradetti.

Fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, jirrizulta li l-kumpannija intimata mhix f'qaghda li thallas id-djun taghha. Din il-Qorti hija sodisfatta li rrizultaw l-elementi kollha li trid il-ligi sabiex tipprocedi ghax-xoljiment u stralc tal-kumpannija intimata skond l-Art.214(2)(a)(ii) tal-Kap.386.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent noe kif gej –**

**1) Tghid illi l-kumpannija ntimata Fitness Manufacturing Limited (C40816) ma tistax thallas id-djun taghha ghall-fini tal-Art.214(2)(a)(ii) u Art.214(5)(a) tal-Kap.386.**

**2) Tordna x-xoljiment tal-istess kumpannija ntimata b'effett mil-lum kif ighid il-proviso tal-Art.223(1) tal-Kap.386 u tordna wkoll l-istralc taghha.**

**3) Tahtar lill-Avukat Dottor Stefano Filletti bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha skond l-Art.228 et seq tal-Kap.386 b'dan illi l-istralcjarju ghandu wkoll, bla hsara ghall-generalita' ta' dawk is-setghat u dmirijiet –**

**a) wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija ntimata kif irid l-Art.226 tal-Kap.386 jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-Art.227 tal-Kap.386.**

**b) jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija ntimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun.**

**c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija ntimata kif ighid u jrid l-Art.237 tal-Kap.386.**

**d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija ntimata.**

**e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpannija intimata.**

**f) jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza thallashom il-kumpannija ntimata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------